MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 174/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Said talli fit-3/10/99 ghall-habta tas-2.00am bhala persuna licenzjata biex taghmilha ta sostitut ta' martu Carmen Said li ghandha id-Diskoteka La Grotta fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex, kif ukoll bhala l-persuna li fit-3/10/99 kien qed imexxi d-Diskoteka La Grotta, ippermetta li tindaqq muzika b'volum gholi fl-istess stabbiliment b'tali volum li dejjaq lid-detenturi jew lin-nies li joqoghdu f'bini fil-qrib u b'hekk kiser il-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Said hati u, wara li ghamlet referenza ghall-Artikolu 318 tal-Kap. 10, ikkundannatu ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Joseph Said, minnu pprezentat fit-12 ta’ Awissu 2004, li permezz tieghu talab r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-10 ta’ Settembru 2004 l-appellant, permezz tad-difensur taghha l-Avukat Dott. Vincent Galea, irtira u ceda l-ewwel aggravju tieghu u cioe` dwar in-nullita` tal-sentenza appellata. Fl-udjenza tal-5 ta’ Novembru 2004 l-appellant eccepixxa il-preskrizzjoni trimestrali u dan, fi kliem il-verbal stess, “peress illi f’aktar minn okkazjoni wahda ghaddew aktar minn tliet xhur bejn notifika u ohra”. Fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2005 l-appell gie differit ghas-sentenza. Hu evidenti li l-ewwel li trid tigi deciza hija l-pregudizzjali tal-preskrizzjoni.

Ghandu jinghad a propositu li bl-emenda introdotta fl-Artikolu 687 tal-Kodici Kriminali b’effett mill-1 ta’ Mejju 2002, ir-regim tal-preskrizzjoni fil-kawzi penali tbiddel radikalment. B’effett tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu, illum il-preskrizzjoni hija sospiza “mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta’ akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta’ dik l-imputazzjoni jew att ta’ akkuza”. Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta’ jekk din id-disposizzjoni l-gidia – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta’ Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk qabel l-1 ta’ Mejju 2002 l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Jannar 2005

fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lewis Cordina***). Jinghad ukoll li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li f'dan il-kaz l-imputazzjonijiet jipotizzaw reati li huma ta' natura kontravvenzjonali b'mod li japplika l-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, cioe` l-preskrizzjoni ta' tlett xhur.

Issa, f'dan il-kaz japplikaw fir-rigward ta' l-appellant odjern Joseph Said l-istess dati ta' seduti, l-istess differimenti, notifiki u termini li ghalihom ga` saret referenza fis-sentenza moghtija llum fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmen Said, George Said u Joseph Said*** (Appell nru. 169/04), ghall-liema sentenza qed issir piena referenza (dejjem limitatament ghall-appellant Joseph Said) a skans ta' ripetizzjoni. Ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, l-azzjoni hija wkoll preskritta fir-rigward tal-appellant f'din il-kawza.

Ghall-motivi premessi, tiqla' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija minhabba l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif fuq inghad.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------